MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 49/2014

**A *sive* B C**

**vs**

**D C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici A sive B C li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-partijiet izzewgu fit-23 ta' Ottubru, 1971 gewwa Gwardamangia, Malta.

Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibbli minhabba f'inkompatibilita' ta' karattru.

Illi l-konvenut ma jipprovdix manteniment ghall-esponenti.

Illi a bazi ta' digriet moghti nhar is-17 ta' Jannar 2014, Nru 1515/13, l-attrici giet awtorizzata tipprocedi b'dan ir-rikors guramentat ghas-separazzjoni personali.

Illi l-esponenti giet ammessa ghall-benificcju tal-ghajnuna legali.

Jghid ghalhekk il-konvenut , ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. Tippronuncja s-separazzjoni personali tal-kontendenti minhabba il-htijiet imsemmija tal-konvenut,

2. Takkorda manteniment xieraq skont il-ligi ghall-attrici,

3. Tordna x-xoljiment u d-divizjoni tal-kornunjoni tal-akkwisti,

4. Tordna d-dekadenza ta' l-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif previst mill-artikoli relevant tal-Kodici Civili.

Rat li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma pprezentax risposta guramentata.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Provi**.

L-attrici xehdet bil-mezz ta’ affidavit:-

“Ahna zzewwigna bil-Knisja fit-23 ta' Ottubru 1971 u minn dan iz-zwieg kellna zewgt itfal, E u Sharon, li llum huma t-tnejn maggorenni.

Nghid illi fl-2010 kont gejt rikoverrata l-Isptar minhabba raguni ta' sahha u meta rritornajt lura z-zewgi ma baqghax jghaddili l-manteniment dovut bhas-soltu. Finanzjarjament dawn 1-ahhar erba’ snin u nofs dan ma tani ebda manteniment. Nghid li madwar sitt xhur ilu t-tifla E giet operata u minhabba din ir-raguni it-tifla giet bhala persuna b'dizabbilta' u gibta tghix maghna flimkien ma’ uliedha sabiex indur biha jiena u minn dakinhar zewgi qatt ma tani kontribut finazjarjament ebda flus, la ghalija u lanqas ghal uliedha.

Wara z-zwieg D C gie jghix fl-istess d-dar fejn jiena kont trabbejt flimkien ma’ ommi u ma’ missieri u prezentement ghadu jghix hemm. Minhabba ragunijiet ta' sahha tieghi u ta' binti jien ma nistax nitlaq mid-dar.”.[1]

Viva voce l-attrici xehdet illi hija ma tahdimx u l-konvenut ukoll ma jahdimx ghaliex pensjonant. Iddikjarat illi assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti m’ghandhomx. Il-fond matrimonjali huwa dar mikrija minghand il-Gvern. Il-kirja qeghda f’isem il-konvenut. Pendente lite l-partijiet lahqu arrangament bejniethom illi l-attrici tabita fis-sular ta’ fuq u l-konvenut jabita fil-pjan terran. Spjegat illi kienet kostretta tipprocedi b’kawza ghal separazzjoni pesonali peress li l-konvenut ma jghaddilha l-ebda forma ta’ assistenza ghalkemm huwa jircevi pensjoni. L-attrici sostniet illi hija applikat ghall-assistenza socjali izda d-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali ma laqax it-talba taghha peress li hi ghadha mhiex separata u tirrisjedi fl-istess dar mal-konvenut.

Xehdu diversi rapprezentanti tal-banek lokali. Id-depoziti li irrizultaw ghandhom bilanci insinifikanti u fir-rigward il-Qorti ser tapplika l-massima legali “de minimis non curat pretor”.

[1] Affidavit a fol. 15

Ikkunsidrat;

L-attrici tilmenta illi l-konvenut ma jghaddilha l-ebda forma ta' assistenza. Tghid li ghadha tghix mal-konvenut fl-istess dar matrimonjali mikrija minghand il-Gvern. Ir-rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali ikkonferma li l-attrici ma qed tircevi l-ebda forma ta' assistenza socjali stante li ghadha tirrisjedi fl-istess dar flimkien ma' zewgha.

Tenut kont li l-konvenut jircevi pensjoni tal-irtir huwa kien fid-dover illi jsostni lill-martu. In-nuqqas tal-konvenut li jmantni lill-martu li m'ghandha l-ebda sors ta' dhul wassal ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.

**Artikoli 2 u 3 tal-Kodici Civili** jistabbilixxu illi l-konjugi ghandhom jieqfu ma xulxin u jmantnu 'l xulxin.

**Artikolu 2.**

*(1) Il-liġi tippromwovi l-għaqda u l-istabbilità tal-familja.*

*(2) Il-miżżewġin għandhom jeddijiet indaqs u jerfgħu responsabbiltajiet indaqs matul iż-żwieġ tagħhom. Għandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u* *li jieqfu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.(*sottolinear tal-Qorti).

**Artikolu 3.**

*Il-partijiet fiż-żwieġ għandhom l-obbligu, kull waħda minnhom skont il-mezzi u l-ħila tagħhom, li jaħdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinħtieġu l-interessi tal-familja,* *li jmantnu lil xulxin* *u li jikkontribwixxu għall-ħtiġiet tal-familja.* (sottolinear tal-Qorti).

Isegwi ghalhekk illi meta l-konvenut naqas milli jmantni lill-martu, anzjana li qabzet l-eta' tal-irtir u li m'ghandha l-ebda dhul, huwa kiser wiehed mill-obbligi matrimonjali tieghu li jmantni lill-martu. Il-konvenut jaf li martu m'ghandha l-ebda dhul u m'ghandha l-ebda possibilta' li jkollha dhul tenut kont l-eta' avvanzata taghha.

Sabiex id-dmir tal-konvenut li jmantni lill-martu jieqaf ried ikun hemm raguni gravi bhal per ezempju abbandun da parti tal-mara tad-dar matrimonjali u rifjut ingustifikat li tirritorna lura. Hekk jipprovdi Artikolu 6 tal-Kodici Civili:-

*Id-dmir ta' manteniment ta' parti fiz-zwieg lejn il-parti l-ohra jintemm jekk il-parti l-ohra, wara li tkun telqet mid-dar taz-zwieg, bla raguni xierqa ma tkunx trid tmur lura fid-dar.*

Ma jirrizultax li l-mara abbandunat id-dar matrimonjali. Anzi jirrizulta il-kuntrarju tant li d-Direttur tas-Servizzi Socjali irrifjuta t-talba taghha ghall-assistenza socjali tenut kont li hi u zewgha ghadhom jghixu fl-istess dar.

Kif gie ritenut fil-kawza "**Vincenzina Grech vs Paul Grech**"[2]:-

"Il-ligi tispecifika l-kazi meta l-mara tista' titlef id-dritt tal-manteniment . Dawn huma meta hija, wara li tkun telqet mid-dar, tirrifjuta tmur lura minghajr gusta kawza. Il-ligi ma tharesx lejn il-kawzalita' l-abbandun, immha thares biss jekk il-mara ghandiex jew le raguni gusta biex ma tmurx lura fid-dar konjugali. Verament, ghad illi l-ligi tirriferixxi l-indagini ta' l-ezistenza tal-gusta kawza jew le ghar-ritorn, sostanzjalment din l-indagini tiswa' daqs kieku ssir l-indagini l-ohra dwar il-gustizzja jew le ta' l-abbandun. L-interpretazzjoni wehedha ma ggibx maghha d-dekadenza vantata mill-konvenut jekk l-attrici ghandha, kif jirrizulta li ghandha, gusta kawza biex ma tmurx toqghod mieghu".

F'dan ir-rigward gie dikjarat fil-kawza "**Lucia Burgess pro et noe vs Ronald Burgess**"[3]:-

---

[2] PA - 31.05.54;

[3] App.Civ. - 20.01.1975; Ara wkoll: "**Giovanna Debono vs. Carmelo Debono**" - App.Civ. – 13.04.53; "**Concetta Ellul pro et noe vs. Carmelo Ellul**" - P.A. – 23.03.61; "**Joseph Rossignaud noe vs. Emmanuele Camilleri**" – P.A. – 21.04.61.

.

"Gie kemm il-darba deciz li kawza gusta f'dan il-kuntest mhemmx bzonn li tkun ta' bilfors wahda mill-kawzi li skond il-ligi jillegittimaw is-separazzjoni personali".

Stabbilit illi fic-cirkostanzi partikolari tal-partijiet l-attrici kellha kull dritt li tibqa' tigi mantnuta minn zewgha l-konvenut u stabbilit illi ma jirrizultawx ragunijiet ghaliex l-attrici kellha tiddekadi minn dan id-dritt, il-Qorti qed tikkonkludi illi l-agir tal-konvenut li minghajr gusta kawza jwaqqaf is-sostenn finanzjarju ghall-ghixien ta' martu bhala l-kagun ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet. Jirrizulta illi in-nuqqas da parti tal-konvenut ma kienx xi att izolat izda baqa' jippersisti fuq medda ta' zmien u hekk ghadu sallum.

Artikolu 40 tal-Kap. 16 jipprovdi illi:

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi talparti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment…."*

Kif gie ritenut fil-kawza "**Marianna Attard vs Achille Attard**" [4]:

"….un contegno di indifferenza persistente da parte di un coniuge verso l'altro costituisce una sevizia morale".

L-agir tal-konvenut li jabbanduna lill-martu minn kull sostenn finanzjarju jwassal lil din il-Qorti tikkonkludi illi huwa hati tal-ksur tal-obbligu tieghu li jmantni lill-martu. Peress li l-agir illegali tal-konvenut ippersista fuq medda ta' zmien il-Qorti qed tikkonsidra tali agir bhala li jikkostitwixxi wkoll offizi gravi u mohqrija fit-termini tal-ligi.

Il-Qorti qed tiddeciedi ghalhekk illi ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet jahti unikament il-konvenut minhabba mohqrija u offizi gravi kompriz ksur tal-obbligu tieghu li jmantni lill-martu minghajr gusta kawza.

[4] P.A. - 16.11.32;

**Alimenti dovuti lill-Mara**.

Stabbilit illi l-htija ghat-tkissir taz-zwieg hija unikament tal-konvenut u stabbilit illi l-attrici m'ghandhiex mezzi ta' ghixien u lanqas potenzjal li tahdem, u stabbilit illi l-attrici m'ghamlet xejn sabiex titlef id-dritt li tippercepixxi manteniment minghand zewgha, jonqos biss li jigi stabbilit l-ammont ta' manteniment li l-konvenut ghandu jigi kkundannat sabiex ihallas lill-attrici.

Irrizulta illi l-konvenut huwa pensjonant. Ma irrizultaw l-ebda mezzi ohra ta' dhul. Bhala stat ta' fatt iz-zewg partijiet ghadhom jghixu fl-istess dar mikrija lilhom mill-Gvern. In mankanza ta' provi ohra l-Qorti qed tikkonsidra illi l-htigijiet tal-partijiet huma l-istess.

Fir-rigward tad-dar matrimonjali l-attrici qed titlob ix-xoljiment u d-divizzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Il-Qorti qed tikkonsidra l-kirja tad-dar matrimonjali bhala appartenenti l-komunjoni tal-assi ta' bejn il-partijiet. Una volta l-Qorti ser tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet huwa mehtieg li jigi deciz min mill-partijiet ghandu jibqa' jghix fid-dar matrimonjali u min ghandu jigi zgumbrat gialadarba l-fond ma hux proprjeta' tal-partijiet izda mizmum b'titolu lokatizju.

Wara li qieset ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz il-Qorti hi tal-fehma illi fid-dar matrimonjali mizmuma mill-partijiet b'titolu ta' kera ghandha tibqa' tirrisjedi l-attrici ad eskluzzjoni tal-konvenut u ghalhekk il-kirja de quo ghandha tigi assenjata fl-intier taghha lill-attrici.

Assi mobbli jew immobbli ma rrizulta xejn ta' valur u ghalhekk hlief ghat-titolu ta' kera ma hemmx aktar assi x'jigu divizi.

**Sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 Kap. 16**.

L-attrici qed titlob li jigu komminati kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kap 16 jipprovdi illi:-

"(1) *Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –*

*(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;*

*(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu; (ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda.*

*Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda millpartijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;*

*(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.*

*(2) Il-ħwejjeġ imsemmijin fis-subartikolu (1)(b) jerġgħu jmorru għand il-parti l-oħra, u l-akkwisti msemmijin fil-paragrafu (ċ) ta' dak is-subartikolu jibqgħu kollha għal din il-parti, bla ħsara tal-jeddijiet li l-ulied jew terzi persuni oħra jkunu kisbu fuq dawk listess ħwejjeġ qabel ma s-sentenza tal-firda tkun ġiet imniżżla firReġistru Pubbliku.*

**Artikolu 51.**

*Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin flartikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu.*

**Artikolu 52.**

*Hu mħolli wkoll f'idejn il-qorti li tiddeċidi, skont iċ- ċirkostanzi, jekk id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 għandhomx igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, għar-raġel u għall-mara, jew għal wieħed jew għall-oħra biss, inkella, m'għandhomx igħoddu għal ħadd minnhom, jekk il-wieħed u l-oħra jkunu ħtija ta' egħmil li jagħti lok għall-firda.*

Ezaminati l-provvedimenti legali appena citati l-Qorti hi tal-fehma illi in-nuqqas li gie imputat lill-konvenut huwa tant gravi illi jimmerita li jigu komminati fil-konfront tieghu is-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 fuq citat nonostante li ma rrizultax la adulterju u lanqas abbandun fit-termini tal-artikoli 38 u 41 tal-Kap. 16.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici,

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet u tiddikjara illi ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet jahti unikament il-konvenut minhabba mohqrija u offizi gravi.

2. Tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici manteniment fis-somma ekwivalenti ghal nofs il-pensjoni taz-zewg terzi u nofs il-bonus pagabbli darbtejn fis-sena li huwa jippercepixxi minghand id-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali. L-ammont ta' manteniment hawn ordnat jizdied proporzjonalment skont iz-zidiet li fil-futur ikun hemm sew fil-pensjoni taz-zewg terzi kif ukoll fil-bonus imsemmi. Tordna li d-Direttur tas-Sigurta Socjali jibda jnaqqas il-manteniment hawn ordnat mill-pensjoni/ beneficcju tal-konvenut u jhallashom direttament lill-attrici.

3. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn iz-zewg partijiet. Tassenja lill-attrici t-titolu ta' kera fuq il-fond 6, Victory Square, Vittoriosa, inkluz il-mobbli ta' go fih.

4. Tilqa' r-raba' talba u tikkommina kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------